MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 7/2006

Victor Mercieca

Vs

Tony Xerri

Il-Qorti,

**Kawza li tittratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh f'Marsalforn, Ghawdex.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu l-atturi ppremettew li:

Fis-16 ta' Settembru 2005 l-attur kien qieghed isuq mutur tal-marka Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni EBI 191, proprjeta' tieghu, bi speed moderat u b'diligenza rikjesta

mil-ligi fi Triq Ghar Qawqla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex.

Fl-istess hin il-konvenut kien qieghed isuq vettura tat-tip Shelvoke Drury bin-numru ta’ registrazzjoni BAA 283, appartenenti lil Joseph Attard, bi traskuragni, imperizja u speed eccessiv u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza li gie nvestit l-attur u b’hekk ikkaguna incident tat-traffiku, ghal liema incident il-konvenut hu unikament responsabbli.

B’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur sofra hsarat konsiderevoli fil-mutur tieghu, oltre griehi gravi li rrizulaw f’debilita’ permanenti.

Ghalkemm il-konvenut gie msejjah sabiex bonarjament jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti permezz ta’ ittra ufficjali prezentat fit-22 ta’ Novembru 2005, baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku fuq imsemmi.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ dan l-incident, kemm bhala damnum emergens u kif ukoll bhala lucrum cessans.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati minbarra l-ispejjez.

Permezz ta’ risposta guramenta prezentata mill-konvenut fis-27 ta’ Frar 2006 (fol. 5) eccepixxa li:-

1. Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
2. Ghall-incident ma jahtix il-konvenut imma unikament l-attur li kien negligenti u naqas mill-josserva r-regolamenti tat-traffiku.
3. L-attur ma sofra l-ebda danni.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza nkluzi n-noti li gew prezentati mill-partijiet.

Rat ukoll ir-rapport mediku ta' Mr. Frederick Zammit Maempel prezentat fil-15 ta' Novembru 2005 (fol. 11) fejn gie certifikat li l-attur qieghed ibaghati minn debilita' permanenti.

Fl-4 ta' Ottubru 2007 ghamlet access fuq il-post fejn sehh l-incident u fejn gie dikjarat mid-difensur tal-konvenut li ddikjara li l-patrocinat tieghu m'huwiex jikkontesta r-rata ta' debilita' li giet certifikat mill-perit mediku.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatt tal-kaz huma semplici hafna:-

(a) Fis-16 ta' Settembru 2005 l-attur kien qieghed isuq mutur tat-tip Yamaha bin-numru EBI 191. Kien tiela' minn Triq l-Isqof Guzeppi Pace diehel fi Triq Ghar Qawqla li ma tinfidx.

(b) Min-naha tieghu il-konvenut kien qieghed isuq scammel bin-numru BAA 283 u kien hareg 'il barra minn dik il-parti ta' Triq Ghar Qawqla li ma tinfidx.

(c) Tista' tghid, kif l-attur dahal f'din il-parti ta' Triq Ghar Qawqla sehh l-incident bejn il-mutur u l-iscammel.

2. Dwar id-dinamika ta' l-incident il-provi li ghandha quddiemha l-Qorti huma biss il-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet:-

- **<u>L-attur</u>**:- xehed li kien tiela' minn Marsalforn vicin il-knisja, minn Triq Guzeppi Pace fid-direzzjoni ghal Ghar Qawqla u kien qieghed isuq bi speed moderat; *"meta gejt biex nikser lejn Triq Ghar Qawqla, sibt it-truck ta' l-intimat ma' wicci fil-linja tieghi. Kien dak il-hin li sehhet il-habta u mal-habta jiena bqajt nitkaxkar mat-trukk"* (fol. 19). In kontro-ezami ddikjara li t-trukk misjuq mill-konvenut ma kienx qieghed izomm man-naha tieghu tat-triq.

Il-verzjoni riprodotta mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u moghtija mill-attur tghid: *"Kont hiereg minn Triq Ghar Qawqla lejn Triq ix-Xaghra Marsalforn u meta qrobt lejn il-kantuniera f'daqqa wahda tela mutur b'velocita min-naha*

*tal-knisja, ghafast il-brejk izda xorta saret il-habta”* (fol. 27).

- **<u>Il-konvenut</u>**:- xehed li fil-hin ta’ l-incident kien qieghed fuq xoghol bit-trukk ghall-gbir ta’ l-iskart li jidher fir-ritratti ezebiti a fol. 39 u 40 tal-process. Qal li fuq wara tat-trukk kien hemm zewg haddiema jigbru l-iskart mit-triq u li f’dak il-hin kien qieghed *“kemm kemm niccaqlaq bil-haddiema jahdmu fuq in-naha ta’ wara meta f’daqqa wahda nara mutur jekk minijix sejjer zball tat-tip scrambler **tiela’ sparat minn wara l-kantuniera**. L-ewwel darba kif rajtu hekk kif xiref min wara l-kantuniera. Rajtu minn l-ewwel gej ghal go fiha u kien car li lili mar kkalkolanix ghax baqa’ bl-istess speed”* (fol. 37).

Il-verzjoni riprodotta mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u moghtija mill-konvenut tghid: *“Kont tiela’ bil-mutur min Triq l-Isqof Guzeppi Pace lejn Triq Ghar Qawqla f’Marsalforn u waqt li kont ser nikser sibt it-trukk go wicci u saret il-habta. Dak il-waqt tal-habta jiena kont qed insuq normali”* (fol. 27).

3. Ghal dik li hi responsabbilta’ ghall-incident, dawn il-fatturi huma rilevanti:-

- Triq Ghar Qawqla hi dejqa u tista’ tghid li t-trukk li kien qieghed isuq il-konvenut jokkupa l-parti l-kbira tal-karreggjata (ara ritratt numru 3 a fol. 40). M’hemmx vizwali ghall-vetturi hergin minn Triq Ghar Qawqla fil-konfront ta’ dawk il-vetturi li kienu gejjin mill-istess direzzjoni tal-attur.
- Hekk ukoll mid-direzzjoni li minnha kien gej l-attur il-vizwali ghal gewwa Triq Ghar Qawqla m’hijiex tajba in kwantu hemm liwja u bini fuq ix-xellug li tista’ tghid jostakolaw ghal kollox il-vizwali (ara ritratt a fol. 42).
- Skond ir-rapport imhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 26-28) u l-iskizz (fol. 31) it-trukk halla brejk mark ta’ 3.8 metri. Minn dan l-istess dokument jidher li t-trukk kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tat-Triq Ghar Qawqla mid-direzzjoni li kien gej minnha l-attur.

- Il-hsara fuq il-mutur m'hijiex kbira.

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti tasal biex taghmel is-segwenti konkluzjonijiet:-

(a) Mill-iskizz jidher li fejn sehh l-impatt hu metru 'l gewwa minn fejn tibda t-triq li minnha kien hiereg it-trukk (ara ritratt numru 2 a fol. 39).

(b) Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li t-trukk misjuq mill-konvenut kien kemm kemm jiccaqlaq. Brejk marks ta' 3.8 metri ghalkemm ma tindikax velocita' qawwija xorta ma jistax jigi deskritt bhala li *"….kont qieghed insuq kemm kemm niccaqlaq…."* (fol. 37) u li kif qal il-konvenut li *"…. T-trakk min l-ewwel waqaf peress li t-trakk kien kwazi wieqaf"*. Certament li mumenti qabel ma sehh l-incident it-trukk ma kienx wieqaf u wisq inqas kif qal il-konvenut *"…kien kwazi wieqaf"* (fol. 37). Inoltre, l-fatt li t-trukk halla brejk marks hi ndikazzjoni cara li meta l-mutur misjuq mill-attur dahal fi Triq Qawqla minn wara l-kisra li hemm fi Triq l-Isqof Guzeppi Pace, it-trukk kien iktar lura minn fejn jidher fl-iskizz. Hu evidenti li x-xufier tat-trukk ghafas il-brejk hekk kif ra l-mutur tal-attur jidhol fi Triq Qawqla. Pero' meta zzid id-distanza ta' metru (kejl minn fejn jidher is-sinjal T junction fir-ritratt numru 2 a fol. 39 sa fejn jidher wieqaf it-trukk fuq l-iskizz), 3.8 metri brejk marks u zzid ukoll ghal dak li jissejjah *thinking distance* sakemm il-konvenut ghafas il-brejk, hu evidenti li mid-direzzjoni li minnha kien gej l-attur ma kienx possibbli ghalih li jara t-trukk meta kien ghadu fi Triq l-Isqof Guzeppi Pace. Dan ikkonstatu l-Qorti waqt l-access li sar fl-4 ta' Ottubru 2007.

(c) Hu minnu li Triq Ghar Qawqla hi dejqa, pero' l-Qorti hi tal-fehma li t-trukk misjuq mill-attur messu kien qieghed iktar fuq in-naha tax-xellug tat-triq mid-direzzjoni li minnha kien gej it-trukk u mhux fil-posizzjoni li jidher fl-iskizz (fol. 31). Il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument li ghamel id-difensur tal-konvenut li t-trukk kellu jkun f'dik il-posizzjoni minhabba l-gallariji li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tat-trukk (ara ritratt numru 3 a fol. 40) u

m'hemm l-ebda gusitfikazzjoni ghalfejn it-trukk kien qieghed jinstaq f'dik il-parti tat-triq.

(d) Kif kellha opportunita tikkonstata l-Qorti fuq il-post, il-punt fejn sehh l-incident hu ferm perikoluz in kwantu tista' tghid li m'hemmx vizwali ghal min hiereg minn Triq Ghar Qawqla u min bhall-attur ikun diehel fiha minn Triq l-Isqof Guzeppi Pace. Dan ukoll minhabba il-bini li jidher fuq in-naha tax-xellug tar-ritratt numru 2 fol. 39. M'hemmx dubju li dan jista' jissejjah bhala *blind corner* u jitlob l-ikbar attenzjoni fis-sewqan u velocita' minima mis-sewwieqa li jkunu gejjin minn kull direzzjoni.

(e) Kuntrarjament ghal dak li jghid il-konvenut, ma jistax ikun li l-attur kien qieghed isuq "sparat". Il-hsara li garrab il-mutur misjuq mill-attur hi fiha nnifisha konferma li ma setax kien hemm din il-velocita' li qieghed jallega l-attur. Fl-okkorrenza tal-pulizija (fol. 27) hi kwalifikata bhala *"slight"* u l-Qorti kellha l-okkazzjoni tara wkoll (waqt l-access) din il-hsara. Inoltre, brejk marks tal-mutur ma jidhrux fuq l-iskizz li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti mid-direzzjoni li kien gej l-attur, il-liwja tant hi *sharp* li qabel ma dahal fi Triq Ghar Qawqla kien jitlob li kwazi kwazi jieqaf fit-tarf biex ikun jista' jara kienx gej traffiku mid-direzzjoni opposta. Veru li Triq l-Isqof Guzeppi Pace hi wieqfa f'dik il-parti qabel ma tidhol fi Triq Ghar Qawqla, pero' sewwieq m'ghandux ghazla ghajr li jaddatta ruhu ghac-cirkostanzi li jsib ruhu fihom u jsuq b'mod li ma jqieghedx il-hajja tieghu u ta' haddiehor f'periklu. Fil-fatt il-konvenut stess in kontro-ezami ddikjara li: *"…qabel ma nasal hdejn tarf il-kantuniera ma nkun f'posizzjoni illi nkun naf jekk humiex gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta, jigifieri dik li jidher fih it-trukk a fol. Tnejn u erbghin (42) tal-process"* (fol. 45). Il-Qorti temmen li meta l-attur gie biex jidhol fi Triq Ghar Qawqla ma naqqasx il-velocita', atteggjament li m'huwiex konsiljabbli ghal dik iz-zona u qieghed ukoll lilu nnifsu f'periklu meta rinfaccjat bit-trukk li kien gej mid-direzzjoni opposta tieghu. Il-konvenut messu ppreveda li fejn ikun naqas milli jagixxi bhala ragel ragonevoli u prudenti, jista' jaghmel hsara lilu nnifsu u fil-kalkoli li jaghmel irid jiehu kont ukoll tal-possibilita' li ohrajn ikunu negligenti. Fatt li

fil-fehma tal-Qorti l-konvenut naqas fih. Imbaghad fejn tirrizulta htija kontributorja huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`[1].

Mehudin in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu jigi akkollat bi tlett kwarti (3/4) tal-htija ghall-incident filwaqt li l-attur hu responsabbli ghal kwart (1/4) minhabba negligenza kontributorja[2]. Dan peress li l-mod kif l-attur dahal fi Triq Ghar Qawqla ikkontribwixxa biex sehh dan l-incident in kwantu l-Qorti hi tal-fehma li s-sewqan tal-attur ma kienx il-kawza uniku u determinanti ghalfejn sehh dan l-incident.

4. Ghal dawk li huma d-danni:-

(a) **Damnum Emergens**:- hsara fil-mutur skond stima ezebita a fol. 20 tal-process fl-ammont ta' tlett mija u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm302.50). Kif diga' ssemma, fl-access li sar il-Qorti kellha l-opportunita' tara l-hsara li garrab il-mutur EBI 191 li bazikament tikkonsisti f'daqqiet fuq il-*fuel tank* u *silencer* tal-mutur. L-istima hi ghal xiri ta' parts biss, ghalkemm mill-provi ma rrizultax jekk dawn il-parts ghandhomx bzonn li jinbidlu. Il-Qorti tqies li jkun iktar gust u ekwu li f'dan ir-rigward tigi likwidata s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) in kwantu minn dak li rat m'hijiex konvinta li dawn il-parts jehtiegu li jinbidlu. Kif rajna wkoll, fir-rapport imhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz il-hsara hi deskritta bhala *"slight"* (fol. 27).

Ghal dak li jittratta telf ta' qliegh f'perjodu ta' tlett xhur li fir-rapport tal-perit mediku jinghad li l-attur dam ma jmur ghax-xoghol, mill-provi ma jirrizultax ix-xoghol li l-attur

[1] Artikolu 1051 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

[2] In-negligenza kontributorja *"ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici, jew regoli fissi, izda skond principji tas-sens komun, ghad li, bla dubju, meta tista' tingibed linja cara ta' demarkazzjoni, in-negligenza posterjuri hi l-unika wahda li ghandha tigi konsiderata"* (**Kollez. Vol. XLIV P I p 185**).

kellu matul dan iz-zmien. Mehud in konsiderazzjoni dak li ser jinghad iktar ‘il quddiem dwar l-impjieg tal-attur il-Qorti ser tillikwida fuq bazi ta’ *arbitrio boni viri* s-somma ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300).

(b) **Lurcrum Cessans**:- l-attur ma ressaq l-ebda prova ta’ x’inhu d-dhul tieghu. Mix-xhieda li ta in kontro-ezami (seduta tad-19 ta’ Settembru 2007 – fol. 45-46) il-Qorti hadet l-impressjoni li l-attur ftit li xejn ghandu hegga ghax-xoghol u iktar ma jahdimx milli jahdem. Mitlub biex jaghti indikazzjoni tal-qliegh li ghandu kull sena, ma kienx f’posizzjoni li jwiegeb. B’daqshekk dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax jew m’ghandhiex tillikwida d-danni. Il-ftit xoghol li jidher li jaghmel l-attur hu fis-sengha tal-bini. Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ser tikkalkola d-danni fuq il-paga minima li fiz-zmien meta sehh l-incident (2005) kienet ta’ hamsa u hamsin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm55.63) ghall-persuni li ghandhom tmintax-il sena (18) u iktar, cjoe’ elfejn tmien mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2,892.76). Kif rajna m’hemm l-ebda kontestazzjoni fuq ir-rata ta’ debilita’ ta’ 4% li giet stabbilita mill-perit mediku. Fiz-zmien meta sehh l-incident l-attur kellu 44 sena. Fil-fehma tal-Qorti multiplier ta’ hmistax-il (15) sena hu sufficjenti fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz. Mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-kawza giet intavolata fit-23 ta’ Jannar 2006, il-Qorti tqies li l-persentagg ta’ 20% bhala lump sum payment ghandu jitnaqqas kollu:-

**Lm2,892.76 x 15 x 4% - 20% = Lm1,388.53**.

Ghalhekk l-ammont ta’ danni komplessiv hu ta’ **elf tmien mija u tmienja u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,838.53)** [Lm450 + Lm1,388.53].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza limitatament ghall-porzjon ta’ tlett kwarti (3/4) mill-htija.

2. Tillikwida d-danni li ghalihom hu responsabbli l-konvenut fl-ammont ta' elf tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm1,378.90).
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm1,378.90) bl-imghax mil-lum.

Spejjez jinqasmu bejn il-kontendenti skond il-grad ta' responsabbilta' stabbilit permezz ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------